MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 712/1994/1

**Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Bank of Valletta Limited; u b'nota tat-13 ta' Settembru 1994 Alfred Caruana ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Paul Gambina**

**vs.**

**Saviour Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Spartex Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur hallas lill-konvenut nomine is-somma ta’ tnejn u erbghin elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm42,622.68,0) permezz ta’ zewg

cekkijiet datati 24 ta’ Jannar 1994 enumerati tnax (12) u tlettax (13) liema zewg cekkijiet il-konvenut nomine iddepozita fil-kont tieghu mas-socjeta bankarja Lombard Bank (Malta) Limited fergha Hal-Qormi fil-25 ta’ Jannar 1994 kollox kif jirrizulta mill-kopji tal-istess cekkijiet li qed jigu hawn esibiti u markati Dokument A u B;

Illi kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u markati Dokument C, D, E u F, l-attur nomine hallas lill-konvenut nomine din is-somma bi zball meta fehem erronjament li s-socjeta` Bankarja estera “Societe Generale” kienet qed taghti struzzjonijiet ta’ hlas lill-istess attur ghaf-favur tal-konvenut nomine; Fil-fatt l-avviz tas-socjeta` bankarja estera kien intiz biex jinforma lill-attur nomine li hija kienet harget zewg cekkijiet ghall-ammont globali ta’ Lm42,622.68,0 migbudin fuq l-attur nomine u li hija kienet ikkreditat il-kont tal-attur nomine maghha;

Illi ghalhekk il-konvenut nomine rcieva xjentement, is-somma ta’ Lm42,622.68,0 indebitament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi u ghalkemm interpellat ghar-restituzzjoni ta’ din is-somma u dana anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-5 ta’ Mejju 1994 (Dok. G.) l-istess konvenut nomine baqa inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

(1) Tiddikjara li l-istess konvenut xjentement ircieva minghand l-attur nomine indebitament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi s-somma ta’ tnejn u erbghin elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm42,622.68,0) permezz ta’ zewg cekkijiet mahruga mill-attur nomine fl-24 ta’ Jannar 1994 u msarrfa mill-konvenut nomine fil-25 ta’ Jannar 1994;
(2) Tikkundanna lill-istess konvenut jirrestitwixxi u jhallas lill-attur nomine is-somma ta’ tnejn u erbghin elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm42,622.68,0) flimkien mal-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Jannar 1994 sal-jum tal-pagament effettiv, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Mejju 1994, u tal-Mandati ta’ Deskrizzjoni u ta’ Sekwestruipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut nomine li gie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-ammont imhallas lill-eccipjent mill-attur nomine huwa hlas maghmul ta’ kreditu li huwa kellu kontra s-socjeta` estera “Bollore Technologies BP 59” u ghalhekk l-esponent ma seta' qatt irceva dan il-hlas indebitament kif qieghed jigi allegat mill-attur;

Salv eccezjonijiet ulterjuri; +

Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-6 ta' April 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjzzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnu mahlufa fid-19 ta' Ottubru 1999;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-Bank Franciz Societe` Generale hareg zewg cekkijiet ghal 119,783.50 u 523,250 franki francizi pagabbli lis-socjeta` konvenuta, u dan wara li ddebita l-kont tal-klijenti tieghu, Bollore Technologies, u avza lill-Bank of Valletta hawn Malta (peress li c-cekkijiet kellhom jintbaghtu Malta) biex meta jhallas fuq ic-cekkijiet, jiddebita l-kont li l-Bank Franciz ghandu mal-Bank Malti. Is-socjeta` Bollore Technologies riedet dawk ic-cekkijiet biex thallas ghal xi merkanzija li rceviet minghand is-

socjeta` konvneuta. Il-Bank Malti, meta rcieva l-avviz tal-hrug tac-cekkijiet, haseb li dak l-avviz kien ordni ta' hlas u, in esekuzzjoni ta' dik l-"ordni", hareg zewg cekkijiet lis-socjeta` konvenuta ghal somom ta' flus f'munita Maltija ekwivalenti ghall-ammonti fuq indikati. Is-socjeta` Bollore Technologies, pero`, kellha tilwima mas-socjeta` konvneuta u marret il-Bank taghha, Societe` Generale, u kkancellat ic-cekkijiet. Il-Bank Franciz, meta rcieva c-cekkijiet lura, hassar id-debitu li kien ghamel mill-kont tal-klijent teghu u avza lill-Bank of Valletta li z-zewg cekkijiet gew rtirati. Hawn hekk, il-Bank Malti nduna bl-izball tieghu u pprova jigbor il-flus lura minghand is-socjeta` konvenuta. Din ma riditx ghax sostniet li , bhala fatt, is-socjeta` Bollore Technologies kellha thallasha dawk il-flus.

Il-perit legali ssottometta li huwa konvint li l-hlas li sar mill-Bank attrici lis-socjeta` konvenuta kien sar bi zball, u dan wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“17. L-azzjoni attrici hi dik ta’ indebita solutio, li tippermetti lil min ihallas flus lil haddiehor jitlob il-flus lura, basta li jkun hallas bi zball u mhux in esekuzzjoni ta’ obbligazzjoni naturali. Jezistu l-elementi ta’ din l-azzjoni anke jekk, ghalkemm il-hlas ikun dovut lil min ircieva l-hlas, isir minn persuna li mhux id-debitur tal-kreditur veru (art 1022 Kodici Civili) jew isir mid-debitur proprju lill-persuna li mhix il-kreditur (art 1021 Kodici Civili). L-elementi ta’ din l-azzjoni huma:

(a) il-pagament sar bi hsieb li tigi sodisfatta obbligazzjoni;

(b) l-“indebitum”; u

(c) zball fis-“solutio”, cioe`, li min hallas ikun hallas taht l-impressjoni zbaljata li dak id-dejn ikun dovut minnu.

Kif qalet din l-Onorabbli Qorti fil-kawza “<u>Mifsud vs Cesareo</u>” fil-25 ta’ April 1935, *“ biex jista’ jintalab ir-radd bil-jedd jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball, u dan l-izball kien di fatto.”*

18. Minn ezami ta’ dawn l-elementi, jidher car li l-fatt li s-somma mhallsa kienet attwalment dovuta lir-ricevitur mhix difiza kontra talba li ssir ghar-radd lura tal-flus, u dan

peress li hi l-ligi stess li espressament tippermetti r-radd lura tal-hlas, meta dan il-hlas ikun sar *“under a mistaken belief that such debit is due by him.”* Dan ighidulu fid-duttrina bhala “indebitum ex persona sollventis.” Ghalhekk, l-unika eccezzjoni mressqa mill-konvenut ma tistax tigi sostnuta ghax, anke’ jekk il-hlas kien effettivament dovut, xorta min ghamel il-hlas jibqaghlu d-dritt jitlob il-flus lura diment li juri li l-hlas kien sar “bi zball”.

19. Fil-fehma tal-esponenti, l-bank attur rnexxielu jipprova li l-pagament li sar minnu sar bi zball. Il-bank haseb li hu debitur tas-socjeta` konvenuta, meta, fil-fatt, ma kienx. Il-bank ma kienx debitur tas-socjeta` konvenuta, ghax meta hallas ma kellu ebda ordni biex ihallas ghan-nom tas-socjeta` estera. Is-socjeta` estera ma nkarigat lil hadd ihallas ghan-nom taghha, u l-bank attur, meta hallas, ma hallasx volontarjament bhala terz biex jaghmel tajjeb ghad-dejn ta’ haddiehor, pero`, hallas bhala suppost *lunga manus* tas-socjeta` estera; s-socjeta` estera, pero`, ma awtorizatx il-hlas. Sa dak il-mument, is-socjeta` estera lanqas kienet irrikonoxxiet li kienet debitrici fis-somma indikata tas-socjeta` konvenuta, ghax kienet qed tikkontesta t-talba (anke minhabba allegati difetti fil-produzzjoni) u, ghalhekk, sa dak il-mument lanqas tista’ tghid li s-somma kienet “dovuta”. Fil-fatt, meta sar il-hlas mill-bank attrici lis-socjeta` konvenuta, jidher li kienet ghadha ghaddejja t-tilwima bejn is-socjeta` estera u dik konvenuta, tant li kienet ghadha qed tigi skambjata korrispondenza bejniethom. Kien, ghalhekk, li l-bank franciz, ghan-nom tad-ditta estera, ma kienx ghadu baghat “instructions to pay”. Il-bank attur haseb li s-somma kienet dovuta minnu ghax interpretat hazin l-istruzzjonijiet li rcieva minn barra; dan kien zball genwin u skuzabbli ghax kif tinhareg l-*advice* hu facli li, f’mument ta’ pressjoni ta’ xoghol, wiehed ifixkel istruzzjoni ma ohra. Darba li dejn li l-bank issodisfa ma kienx dovut minnu – la fil-vesti tieghu indipendenti u lanqas bhala mandatarju tad-debitur – hu ghandu dritt ghar-radd lura tal-flus li hallas. Dak li hu importanti, f’kazijiet bhal dawn, mhux jekk ir-ricevitur kienx jew le intitolat ghall-hlas, imma jekk min hallas hasibx li kellu jhallas: jekk haseb li kellu jhallas, meta fil-fatt ma kellux, jista jitlob li jiehu lura l-flus.

20. Lanqas jista' jigi argumentat li l-bank attur kien mandatarju tas-socjeta` estera li kienet, fil-fatt, debitrici tas-socjeta` konvenuta, u dan peress mhux biss ghax is-socjeta` estera kienet qed tikkontesta li hi kienet debitrici tas-somma mitluba, izda, fuq kollox, ghax il-mandat li tat is-socjeta` estera kien wiehed specjali, u ma kienx ikopri hlas lis-socjeta` konvenuta. Il-hlas, ghalhekk, ma sarx "mid-debitur" (mill-bank lokali ghan-nom tas-socjeta` estera), izda minn entita` li hasbet li kienet id-debitrici u dan l-izball, li hu wiehed di fatto, jaghti lok ghar-restituzzjoni.

21. Il-kwistjoni jekk il-konvenut, eventwalment, thallasx darbtejn ghall-istess kreditu, mhux daqshekk rilevanti ghall-kwistjoni. Id-ditta attrici mhux qed tibbaza l-azzjoni taghha direttament fuq id-doppju pagament, izda fuq l-indebitum, fuq li hallset, cioe`, meta ma kienitx debitrici tas-socjeta` konvenuta, u dan l-izball jirrizulta pruvat.

22. Il-konvenut m'allegax u wisq anqas ipprova li, konsegwenza tal-pagament li rcieva minghand il-bank attur, huwa tilef id-dritt li jfittex hlas minghand id-debitur reali tieghu u, kwindi, ghandu obbligu, skond il-ligi, li jirrestitwixxi s-somma reklamata. Ovvjament, jekk ghad-ditta konvenuta, issa huwa tard wisq biex tfittex lid-debitur ghall-hlas, ghal dan *imputat sibi,* ghax meta rceviet notizja li l-hlas kien sar bi zball, kellha tirregola ruhha u tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega fil-konfront tad-debitur taghha. Li hu importanti hu li, sakemm kienet informata bl-izball, id-ditta konvenuta kienet ghadha f'pozizzjoni tirreklama l-hlas minghand id-debitur veru taghha, u kwindi ma hemm ebda ostakolu legali ghar-restituzzjoni.

23. Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-posizzjoni hi li l-bank attur hallas "bi zball" ghax hallas meta la kien debitur tas-socjeta` konvenuta u lanqas ma kien awtorizzat ihallas lis-socjeta` konvenuta f'isem l-allegat debitur taghha. Kif inghad, il-fatt li l-flus setghu kienu verament dovuti lis-socjeta` konvenuta, huwa immaterjali, la darba li il-hlas mill-pagatur sar bi zball."

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut nomine jghid li hemm qbil bejn il-partijiet li l-azzjoni hi dik li ghaliha jipprovdi l-artikolu 1021 tal-Kodici Civili u li l-elementi ta' tali azzjoni huma dawk elenkati mill-perit legali (para. 17 sucitat). Jghid ukoll li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li s-socjeta` attrici kienet ghamlet il-pagament in kwistjoni lis-socjeta` konvenuta u li s-socjeta` attrici ma kinitx debitrici tas-socjeta` konvenuta. Jghid ukoll li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-Bank attur u s-socjeta` konvenuta u li l-Bank kien "qieghed jagixxi ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` estera debitrici cioe` 'Bollore Technologies' tramite istruzzjonijiet tal-Bank esteru 'Societe` Generale' li kienet qed tagixxi fuq struzzjonijiet tas-socjeta` debitrici". A bazi ta' dan l-argument, il-konvenut nomine qal li ghalhekk il-Bank attur kien agixxa bhala mandatarju tas-socjeta` estera sabiex b'hekk skond id-duttrina Taljana citata minnu dan ma kellux id-dritt ta' ripetizzjoni minghandu.

Anke kieku kellu jigi accettat ghall-grazzja ta' l-argument li kienet tezisti din ir-relazzjoni guridika bejn il-Bank attur u s-socjeta` estera, il-konkluzjoni li jasal ghaliha l-konvenut nomine hi bazata fuq argument fil-fehma tal-Qorti erroneju.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament mill-affidavit ta' Alain Besnard, *Senior Area Manager* mal-bank franciz Societe` Generale Paris, ipprezentat a fol 25 tal-process, li l-bank tieghu kien hareg zewg cekkijiet fl-ammonti rispettivi ta' FF119,783.50 u FF523,850 fuq struzzjonijiet tal-klijent Bollore Technologies a favur is-socjeta` konvenuta. B'hekk huma kienu baghtu dak li sejhu *draft advices* lis-socjeta` attrici sabiex jikkonfermaw li kienu nhargu dawn iz-zewg cekkijiet u li dan il-bank attur allura seta' jiddebita l-akkont tal-bank esteru. B'dana pero' li QATT ma kienu nghataw *payment order instructions.*

Issa l-art. 1864 tal-Kodici Civili jghid espressament li *'Il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mill-limiti tal-mandat'.* B'hekk il-bank kien biss marbut sabiex jezegwixxi l-istruzzjonijiet mibghuta minn Societe` Generale skond Dok. D u Dok. F esebiti mis-socjeta'

attrici a fol 9 u a fol 11 tal-process rispettivament. Dawn id-dokumenti huma evidentement formoli li jistghu jintuzaw, kif gie spjegat mix-xhud Pierre Farrugia, *manager* mas-socjeta' attrici fl-affidavit tieghu, kemm bhala *payment order,* kif ukoll bhala *draft advice.* Izda fuq ezami taghhom, jirrizulta minghajr dubbju li l-istruzzjonijiet mibghuta permezz ta' dawn id-dokumenti kienu ta' *draft advices* u dan mis-segwenti:

a. hemm indikat id-*draft number*
b. giet kompluta dik is-sezzjoni mmarkata bhala *draft advice,* filwaqt dik immarkata *payment order* baqghet vojta.

Jidher ukoll li l-konvenut nomine donnu ma xtaqx jifhem id-distinzjoni ta' l-effetti legali bejn *payment order* u *draft advice.* Hu kien biss interessat li jircievi l-hlas ta' dak pretiz minnu minghand is-socjeta` estera. Ghal dak li jirrigwarda *payment order* il-konvenut nomine kien ikollu d-dritt li jircievi l-pagament permezz ta' *wire transfer* direttament f'dak il-kont li hu kien jindika lid-debitur tieghu, filwaqt li fir-rigward ta' *draft advice* hu kien jircievi l-pagament permezz ta' *bank draft* li jintbaghat minghand id-debitur u mbaghad jigi msarraf mill-bank attur.

Issir referenza wkoll ghall-Artikolu 50 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi li *'L-atti kollha maghmulin mir-rapprezentant ghall-principal, fil-limiti tas-setghat tieghu, igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal'.*

Dan intiz jirrizulta li l-Bank attur kellu mandat specifiku, cioe` li kellu jiddebita l-kont tal-bank esteru mizmum minnu peress li kienu nhargu zewg *drafts* minn dak il-bank lis-socjeta` Bollore Technologies. Izda minflok hu hareg zewg cekkijiet lis-socjeta` konvenuta ghall-istess ammonti li kienu nhargu z-zewg *drafts* f'idejn Bollore Technologies mill-bank esteru.

B'hekk ma jistax jinghad li l-bank attur baqa' jagixxi f'isem is-socjeta` Bollore Technologies meta hallas direttament lis-socjeta` konvenuta, u dan ghaliex hu principju stabbilit

li jekk il-mandatarju johrog barra mill-mandat specifiku tieghu, hu jkun responsabbli ghall-effetti. Din hi l-korolarja ta’ l-art. 50 tal-Kodici tal-Kummerc. Ghalhekk hawn m’hawn l-ebda kwistjoni ta’ mandat kif qed jippretendi li hemm il-konvenut nomine, jew sahansitra ta’ dritt ta’ hlas a saldu tad-debitu li kellha s-socjeta` estera fil-konfront tieghu. Fil-fatt jinghad ukoll li l-bank attur istitwixxa l-kawza odjerna f’ismu proprju.

Konsegwentement il-konkluzjoni tal-perit legali hi korretta u t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjoni tal-konvenut nomine, u ghalhekk:

(1) Tiddikjara li l-konvenut nomine xjentement ircieva minghand l-attur nomine indebitament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi s-somma ta' tnejn u erbghin elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm42,622.68) permezz ta' zewg cekkijiet mahruga mill-attur nomine fl-24 ta' Jannar 1994 u msarrfa mill-konvenut nomine fil-25 ta' Jannar 1994; u
(2) Tikkundanna lill-konvenut nomine jirrestitwixxi u jhallas lill-attur nomine s-somma ta' tnejn u erbghin elf sitt mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm42,622.68) flimkien ma' l-imghaxijiet legali mill-25 ta' Jannar 1994 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------